Qorti Civili, Prim'Awla

Imhallef Anthony Ellul

Rikors numru: 769/2009AE

**Caroline Farrugia**

**Vs**

**Dr Anthony Philip Farrugia, Dr Christian Farrugia u Dr Anthony Philip Farrugia biex jirraprezenta lill-assenti Nicolette Amato Gauci**

It-Tnejn, 2 ta' Mejju 2016.

Permezz ta' rikors guramenta prezentat fil-5 ta' Awwissu 2009, l-attur ippremetta u talab:-

*1. Illi Dr. Anthony H. Farrugia miet fil-wiehed u ghoxrin ta' Marzu elfejn u sebgha (21/3/2007) il-Pieta', fl-eta' ta' erbgha u sebghin (74) sena (Dok. A);*

*2. Illi mir-ricerki testamentarji jirrizulta illi l-ahhar testament tad-decujus kien dak datat it-tlieta ta' Ottubru elfejn u hamsa (3/10/2005) fl-atti tan-Nutar Dr. Rachel Busutill (Dok. B);*

*3. Illi b'dan it-testment id-decujus innomina lit-tlett uliedu, il-konvenuti, bhala eredi tieghu u halla lil martu l-attrici s-segwenti legati:*

*i. Id-dritt ta' abitazzjoni tad-dar maghrufa bl-isem 'Villa Thistle', fi Triq l-Insolja kantuniera ma' Triq l-Inbid f'H'Attard u wara l-mewt tal-attrici, lil bintha biss u esklussivament. It-testatur iddikjara illi huwa kien jaf illi dawn l-imobbli kienu jappartienu lill-kommunjoni ta' l-akwisti gia' esistenti bejnu u bejn il-mejta Emilia sive Amy Rose Farrugia u li llum jappartjenu lilu u lit-tlett itfal tieghu Anthony, Christian u Nicolette bhala l-eredi ta' ommhom Amy Rose Farrugia;*
*ii. Is-somma ta' hamsin elf lira maltija (Lm50,000) li tigi ekwivalenti ghall-mija u sittax-il elf erbgha mija u tmienja u sittin Ewro u sebgha u sittin centezmu (€116,468.67) fi flus kontanti ghal darba wahda biss;*
*iii. Id-dritt ta' usufrutt tal-mobbli kollha salv dawk l-oggetti li huma tal-attrici stess jew li nxtraw bi flus tal-attrici, li jinstabu fid-dar ta' H'Attard fuq imsemmija u salv oggetti tad-deheb personali li jappartjenu lit-testatur u tad-dokumenti jew titolu rappresentanti flus f'isem it-testatur. It-testatur ta l-fakolta' lill-attrici illi f'kas ta' necessita', hija tkun tista' tbiegh minn dawn l-istess mobbli ezistenti fid-dar bla ebda permess ta' bint l-attrici Chiara jew tal-Qorti. It-testatur iddikjara li huwa jaf illi dawn il-mobbli jappartjenu lill-kommunjoni tal-akkwisti gia esistenti bejnu u bejn il-mejta Emilia sive Amy Rose Farrugia u li llum jappartjenu wkoll lit-tlett itfal tieghu Anthony, Christian u Nicolette bhala l-eredi ta' ommhom Amy Rose Farrugia. B'dan kollu t-testatur xorta wahda jrid ihalli l-usufrutt ta' l-istess mobbli kollha tad-dar lill-attrici;*

*iv. Il-piena propjeta' tal-Life Policy Clrecial Medical – Channel Island (Policy Number B01024478, liema life policy qed jassikura il-hajja ta' Dr. Anthony H. Farrugia, liema assikurazzjoni huwa ta' natura 'decreasing term assurance'). It-testatur iddikjara illi huwa jaf illi din il-policy kienet tappartjeni lill-kommunjoni tal-akkwisti gia esistenti bejnu u bejn il-mejta Emily sive Amy Rose Farrugia u li llum tappartjeni lilu u lit-tlett uliedu Anthony, Christian u Nicolette bhala l-eredi ta' ommhom Amy Rose Farrugia;*

*<u>Raguni tat-Talba</u>*

*4. Illi ghalkemm ghaddew sentejn mill-mewt ta' zewgha, u ghalkemm il-konvenuti gew interpellati diversi drabi, anki permezz ta' ittra ufficjali, biex jimmittuha fil-pussess tal-legati fuq imsemmija, huma baqghu inadempjenti.*

Għaldaqstant, l-attur jitlob għar-raġunijiet premessi, lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

*Tikkundanna lill-konvenuti biex fi zmien qasir u perentorju li din il-Qorti tistabbilixxi huma jimmittuha fil-pussess tal-legati lilha mhollija bit-testment suriferit u cioe':*

*i. Tad-dritt ta' abitazzjoni tad-dar 'Villa Thistle', fi Triq l-Insolja, Kantuniera ma' Triq l-Inbid, H'Attard, u dan kif aktar 'il fuq inghad;*

*ii. Tas-somma ta' 116,468.67 (ekwivalenti ghall-Lm50,000) bl-imghaxxijiet legali minn meta bdew jiddekorru skond il-ligi sal-pagament effettiv;*

*iii. Jintegrawha fid-dritt ta' uzufrutt tal-mobbli kollha salv dawk l-oggetti li huma taghha jew li nxtraw bi flusha li jinsabu fid-dar fuq imsemmija ta' H'Attard bil-fakultajiet kollha lilha moghtija fi klawzola 3 ta' l-istess testament;*

*iv. Tal-Life Policy Clreical Medical – Channel Islands (Policy Number B01024478) liema life policy kienet tassikura l-hajja tad-defunt Dr. Anthony H. Farrugia u li hija assikurazzjoni ta' natura 'decreasing term assurance', u fin-nuqqas li dan jista' jsir, tikkundannahom ihallsu solidalment bejniethom il-valur ta' l-imsemmija polza bl-imghaxijiet mid-data meta thalla l-legat sal-pagament effettiv;*

*v. Tahtar lin-Nutar Miriam Spiteri Debono sabiex tircievi u tippubblika l-atti notarili opportuni biex tigi registrata l-immissjoni fil-pussess kif mitluba fil-kawza odjerna u Avukat sabiex jidher ghall-eventwali kontumaci fid-data, jum u l-hin li tistabbilixxi din il-Qorti ghall-pubblikazzjoni ta' dan l-att.*

*Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-7 t'April 2008 u bl-imghax legali mid-data tal-mewt tad-decujus jew mid-data ta' l-imsemmija ittra ufficjali, kontra konvenuti li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.*

Permezz ta' risposta prezentata fit-3 ta' Novembru 2009, il-konvenuti wiegbu:-

*1. Illi l-legat konsistenti fil-hlas tas-somma ta' €116,468.67 imsemmi fil-paragrafu (ii) tar-Rikors Guramentat ma jiswiex billi dan kien jikkostitwixxi, in kwantu ghas-sehem ta' nofs indiviz appartenenti lill-esponenti, legato di cosa altrui izda t-testment datat 3 ta' Ottubru 2005 fl-atti tan-Nutar Dottor Rachel Busuttil ma jikkontjenix id-dikjarazzjoni rikjesta ad validitatem mill-Artikolu 696 tal-Kodici Civili fis-sens li "it-testatur kien jaf li l-haga kienet ta' haddiehor u mhux tieghu" u ghalhekk it-talba ghall-hlas tal-istess legat ghandha tigi michuda;*

*2. Illi l-legati l-ohra mhollija lill-attrici minn Dr. Anthony H. Farrugia permezz tat-testment datat 3 ta' Ottubru 2005 fl-atti tan-Nutar Dottor Rachel Busuttil jikkostitwixxu, in kwantu ghas-sehem ta' nofs indiviz appartenenti lill-esponenti, legato di cosa altrui u ghalhekk l-esponenti ghandhom id-dritt ta' ghazla kontemplat fl-Artikolu 696 tal-Kodici Civili u l-esponenti qed jaghzlu li jhallsu lill-attrici l-valur gust tal-istess legati;*

*3. Illi l-ammonti talvolta dovuti mill-esponenti lill-attrici ghandhom jigu pacuti ma' ammonti dovuti mill-istess attrici lill-esponenti liema ammonti l-attrici irceviet taht causa illecita jew altrimenti kienu jikkostitwixxu donazzjonijiet nulli, ghaldaqstant billi fil-kaz prezenti jikkonkorru l-elementi rikjesti mill-Artikolu 396 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex issir talba rikonvenzjonali, l-esponenti effettivament ser juzufruwixxu mid-dritt taghhom li jaghmlu talbiet rikonvenzjonali kontra l-attrici b'dawn l-istess proceduri.*

Il-konvenuti ppropone w rikonvenzjoni li taqra:-

*Jesponu bir-rispett u l-Avukat Dr. Anthony Philip Farrugia bil-gurament tieghu jikkonferma:*

*1. Illi Dr. Anthony H. Farrugia miet fil-21 ta' Marzu 2007 fil-Pieta` fl-eta` ta' erbgha u sebghin sena;*

*2. Illi mir-ricerki testamentarji tal-istess Dr. Anthony H. Farrugia jirrizulta li l-ahhar testament tieghu kien dak datat 3 ta' Ottubru, 2005 fl-atti tan-Nutar Dottor Rachel Busuttil li bih inter alia istitwixxa bhala eredi universali tieghu lill-uliedu, l-esponenti Dr. Christian Farrugia, Dr. Anthony P. Farrugia u Nicolette Amato Gauci fi kwoti ndaqs bejniethom;*

*3. Illi tul hajtu, waqt li kien mizzewweg ma' Amy Rose Farrugia, omm l-esponenti, Dr. Anthony H. Farrugia kellu relazzjoni illecita mal-attrici rikonvenzjonata Caroline Licari;*

*4. Illi fil-kors tal-imsemmija relazzjoni illecita Dr. Anthony H. Farrugia kien ghadda lill-attrici rikonvenzjonata diversi somom ta' flus u oggetti ohra taht titolu ta' donazzjoni liema flus u oggetti ohra kienu jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejnu u martu Amy Rose Farrugia jew kienu altrimenti, wara l-mewt tal-istess Amy Rose Farrugia, komproprjeta` tal-*

*istess Dr. Anthony H. Farrugia u l-esponenti, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

*5. Illi l-ghoti tal-imsemmija somom ta' flus u oggetti ohra kien ivvizzjat minn causa illecita;*

*6. Illi, in oltre ma kien sar ebda att pubbliku li bih Dr. Anthony H. Farrugia ifformalizza l-istess donazzjonijiet lill-attrici rikonvenzjonata;*

*7. Illi konsegwentement, l-istess flus u oggetti ohra moghtija mid-defunt Dr. Anthony H. Farrugia lill-attrici rikonvenzjonata ghandhom jintraddu lura mill-istess attrici rikonvenzjonata lill-esponenti.*

Il-konvenuti talbu lill-qorti sabiex:-

*1. Tiddikjara illi bejn l-attrici rikonvenzjonata Caroline Licari u Dr. Anthony H. Farrugia kien hemm relazzjoni illecita;*

*2. Tiddikjara n-nullita` tad-donazzjonijiet kollha maghmula fil-kors tal-imsemmija relazzjoni illecita, minn Dr. Anthony H. Farrugia lill-attrici rikonvenzjonata, ta' diversi somom ta' flus u oggetti ohra formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejnu u martu Amy Rose Farrugia jew li kienu altrimenti, wara l-mewt tal-istess Amy Rose Farrugia, kompropjeta` tal-esponenti u l-istess Dr. Anthony H. Farrugia, (a) ghaliex l-istess donazzjonijiet kienu affetti minn causa illecita li tmur kontra l-ordni pubbliku, u/jew (b) ghax ma sarux b'att pubbliku;*

*3. Tillikwida l-ammont ta' flus moghti minn Dr. Anthony H. Farrugia lill-attrici rikonvenzjonata taht causa illecita u/jew minghajr att pubbliku u kif ukoll tillikwida l-valur tal-oggetti donati Dr. Anthony H. Farrugia lill-attrici rikonvenzjonata taht causa illecita u/jew minghajr att pubbliku u li l-attrici rikonvenzjonata lehqet iddisponiet minnhom;*

*4. Tikkundanna lill-attrici rikonvenzjonata thallas lill-esponenti l-ammont ta' flus likwidat ai termini tat-talba precedenti;*

*5. Tikkundanna lill-attrici rikonvenzjonata tirritorna lill-esponenti dawk l-oggetti kollha li gew donati lilha minn Dr. Anthony H. Farrugia taht causa illecita u/jew minghajr att pubbliku u li ghadhom fil-patrimonju taghha.*

L-attrici wiegbet:-

*1. Illi fl-ewwel lok it-talba rikonvenzjonali mhijiex ammissibbli peress li mhix wahda minn dawk l-istanzi li tipprospetta l-ligi ai termini ta' l-Artikolu 396 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan ghal ragunijiet li ser jigu dettaljatament spjegati fil-kors ta' din il-kawza, u kwindi l-istess talba rikonvenzjonali ghandha tigi michuda u Caroline Farrugia rikonvenzjonata ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.*

*2. Illi bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni moghtija, il-kontro-talba tal-konvenuti rikonvenzjonanti hija neboluza stante li l-konvenuti iridu jaghzlu jekk fil-fatt qeghdinx jimpernjaw il-kawza taghhom fuq kawza illecita jew inkella hux qeghdin jimpernjaw il-kawza taghhom fuq l-irritwalita` tal-forma, u ghaldaqstant l-attrici ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.*

*3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost kwantu jirrigwarda l-ewwel talba, ma hux minnu li kien hemm relazzjoni illecita bejn ir-rikonvenzjonata Caroline Farrugia u l-kompjant Avukat Dr. Anthony H. Farrugia, u fi kwalunkwe kaz jekk qatt kien hemm din ir-relazzjoni, kwalunkwe effett li seta' ezista precedentement ghaz-zwieg li gie kuntrattat bejniethom, gie sanat u gew newtralizzati l-effetti kollha li talvolta seta' kellha relazzjoni illecita skond l-istat tas-sentenzi nostrani.*

*4. Illi bla pregudizzju ghas-suespost sta ghall-istess konvenuti rikonvenzjonanti li jippruvaw li kien hemm id-donazzjonijiet minnhom allegati fir-rikors promotur.*

*5. Illi fi kwalunkwe kaz, dato ma non concesso li kien hemm relazzjoni illecita bejniethom, biz-zwieg bejn il-kompjant Dr. Anthony H. Farrugia u l-istess Caroline Farrugia is-sitwazzjoni ta' bejniethom giet normalment legalizzata u l-effetti li ggib maghha, jekk qatt kien hemm, relazzjoni illecita fit-termini ta' dak li jispjegaw is-sentenzi nostrani gew ghal kollox newtralizzati.*

*6. Illi fid-dawl ta' dawn ir-risposti moghtija iktar 'il fuq, it-tielet, ir-raba' u l-hames talba ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess konvenuti rikonvenzjonanti.*

Il-qorti semghet il-provi u rat l-atti li jinkludu noti ta' sottomissjonijiet.

**Fatti**.

1. L-attrici kienet mizzewga lil Dr Anthony Farrugia li miet fil-21 ta' Marzu 2007. Qabel izewwgu kienu ghamlu snin twal f'relazzjoni.
2. Il-konvenuti huma wlied Dr Anthony Farrugia mill-ewwel zwieg tieghu lil Amy Rose Farrugia, li mietet fis-sena 2000.
3. Il-wirt ta' Dr Anthony Farrugia hu regolat minn testment li ghamel fit-3 ta' Ottubru 2005 u pubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Rachel Busuttil, li bih fost'affarijiet ohra:

   (a) Innomina lill-konvenuti wliedu bhala werrieta tieghu.
   (b) Halla legat lill-attrici tas-segwenti:

      i. Dritt ta' abitazzjoni tal-fond Villa Thistle, Triq l-Insolja, Attard.
      ii. Mija u sittax-il elf erba' mija u tmienja u sittin ewro u seba' u sittin centezmu (€116,468.67).

iii. Uzufrutt tal-mobbli kollha li jinsabu fid-dar ta' Attard eskluz *"tad-deheb personali li jappartjenu lit-testatur u tad-dokumenti jew titoli rapprezentanti flus f'isem it-testatur."*
iv. *Life Policy Clerical Medical* – Channel Islands (numru B01024478).

**Konsiderazzjoni**.

1. Permezz ta' din il-kawza l-attrici harrket lill-konvenuti sabiex bhala werrieta ta' missierhom, jimmettuha fil-pussess tal-legat li t-testatur iddispona favur taghha (It-Tieni Artikolu).

2. Permezz tal-ewwel eccezzjoni, l-konvenuti jsostnu li l-legat ghas-somma ta' €116,468.67 ma jiswiex ghaliex ma saritx id-dikjarazzjoni li skond il-ligi ghandha ssir fil-kaz ta' *legato di cosa altrui*. L-Artikolu 696 tal-Kodici Civili jipprovdi:

   *"Il-legat tal-haga ta' haddiehor ma jiswiex, hlief jekk ikun hemm iddikjarat fit-testment illi t-testatur kien jaf li l-haga kienet ta' haddiehor u mhux tieghu; f'dan il-kaz il-werriet jista' jaghzel jew li jakkwista l-haga mhollija b'legat sabiex ighaddiha lil-legatarju jew li jhallas lil-legatarju l-valur gust taghha."*

   Il-legat ta' €116,468.67 m'humiex flus ta' haddiehor u ghalhekk l-Artikolu 696 ma japplikax. Il-fatt li t-testatur kien mizzewweg lill-omm il-konvenuti, ma jfissirx li b'dak il-legat halla lill-attrici flus li kienu tal-werrieta tal-ewwel mara tieghu. It-testatur kellu l-patrimonju tieghu, u kellu kull dritt li jiddisponi minnu kif ried hu. Bis-sahha ta' dik id-disposizzjoni, il-konvenuti bhala werrieta ta' missierhom huma debituri tal-attrici fis-somma ta' €116,468.67, irrispettivament jekk fil-patrimonju tieghu kienx hemm dik is-somma flus. Qieghed jinghad hekk ghaliex mill-provi ma rrizultax li l-konvenuti accettaw il-wirt ta' missierhom bil-beneficcju tal-inventarju.

3. Ghal dak li jirrigwarda d-dritt ta' abitazzjoni tal-fond Villa Thistle, Triq l-Insolja, Attard, fit-testment it-testatur stess iddikjara li *"…. Huwa jaf illi dawn l-immobbli kienu jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti gia ezistenti bejnu u bejn il-mejta Emilia sive Amy Rose Farrugia u li llum jappartjenu lilu u lit-tlett itfal tieghu Anthony, Christian u Nicolette bhala l-eredi ta' ommhom Amy Rose Farrugia. B'dan kollu t-testatur xorta jrid ihalli d-dritt ta' abitazzjoni tal-istess dar lil Caroline Licari."*

   Fil-fehma tal-qorti, l-ghazla li l-konvenuti jippretendu li ghandhom bis-sahha tal-Artikolu 696 tal-Kodici Civili, ma tapplikax. Dak il-provvediment ghandu japplika meta l-haga tkun tappartjeni lil terza persuna u l-werrieta jkollhom jakkwistawha minghand terza persuna sabiex jimmettu lill-legatarju fil-pussess tal-oggett imholli b'legat. F'dik l-eventwalita l-ligi taghti l-jedd lill-

werrieta li jew jakkwistaw l-oggett minghand it-terz jew li jhallsu l-valur tal-oggett lill-legatarju. L-ghazla qeghda f'idejn il-werrieta.

Fil-kaz tal-lum nofs id-dar kienet diga' tappartjeni lill-konvenuti bhala werrieta ta' ommhom. Ghalhekk m'hemmx htiega li l-oggett jakkwistawh minghand terza persuna, ghaliex fid-data tal-mewt tat-testatur in-nofs indiviz kien diga' proprjeta tal-werrieta tieghu. M'hemmx prova li dak is-sehem m'ghadux proprjeta tal-konvenuta. Bhala werrieta ta' missierhom li accettaw il-wirt ta' missierhom, ghandhom obbligu li jwettqu r-rieda ta' missierhom. L-istess ragunament japplika fir-rigward tal-oggetti l-ohra.

4. Tibqa' biex tigi kkunsidrata r-rikonvenzjoni li pproponew il-konvenuti li permezz taghha qeghda isostnu li Dr Anthony Farrugia kien ta lill-attrici diversi somom ta' flus u oggetti ohra b'titolu ta' donazzjoni li kienu jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejnu u martu Amy Rose Farrugia. Fl-ewwel lok hemm zewg eccezzjonijiet preliminari:-

i. **<u>Nullita ta' rikonvenzjoni</u>** – din l-eccezzjoni hi bla bazi. Konvenut jista' jipproponi rikonvenzjoni fil-kazijiet kontemplat fl-Artikolu 396 tal-Kap. 12. Hu evidenti li l-ghan wara r-rikonvenzjoni hu li l-konvenuti jpacu l-kreditu mitlub mill-attrici. Fil-fatt fit-tielet eccezzjoni tat-twegiba guramentata, iddikjaraw:-

*"Illi l-ammonti talvolta dovuti mill-esponenti lill-attrici ghandhom jigu pacuti ma' ammonti dovuti mill-istess attrici lill-esponenti liema ammonti l-attrici rceviet taht causa illecita jew altrimenti kienu jikkostitwixxu donazzjonijiet nulli,….."*

ii. **<u>Rikonvenzjoni neboluza</u>** – il-qorti ma taqbilx gialadarba hu evidenti li l-konvenuti qeghdin jimpunjaw donazzjonijiet li saru minn missierhom ghar-raguni li huma bazati fuq kawza illecita u li ma sarux b'att pubbliku.

5. Fil-meritu il-konvenuti pprezentaw lista li qalu li m'hijiex ezawrjenti (fol. 404) tal-oggetti kollha li missierhom ta lill-attrici. Il-konvenuti taw stima li d-donazzjonijiet jiswew madwar €600,000. L-attrici kkontestat din ic-cifra u ssostni li b'kollox ma nghatatx iktar minn €20,000 sa €25,000. Fir-rigward tal-prospett li pprezentaw il-konvenuti, il-qorti tosserva:

i. Ma jaghti l-ebda taghrif tal-perjodu meta nxtraw l-oggetti.
ii. M'hemmx spjegazzjoni ta kif waslu ghac-cifri li jissemmew fid-dokument.
iii. Hemm oggetti li jinghad li nghataw lil Chiara, li hi bint l-attrici. Pero' f'din il-kawza bint l-attrici m'hijiex parti.

iv. Tissemma per ezempju *tie pin collection* u mobbli fid-dar fejn Dr Farrugia kien ighix mal-attrici. Pero' m'hemmx prova li dawn inghataw lill-attrici.

v. Tissemma wkoll *"collection of paintings bought from Dame Tempra"*, li l-attrici qalet li ma tafx biha.

Fic-cirkostanzi l-qorti zgur li ma tistax taghti decizjoni a bazi ta' dan id-dokument li mhu xejn ghajr opinjoni soggettiva tal-konvenuti.

L-ilment tal-konvenuti hu li d-donazzjonijiet:-

i. kienu vvizjati minn *causa illecita*;
ii. ma sarux permezz ta' att pubbliku;
iii. kellhom bhala oggett, affarijiet li kienu jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti bejnu u martu Amy Rose Farrugia u wara l-mewt taghha proprjeta tieghu u tal-konvenuti.

Il-qorti tosserva:-

i. Dr Farrugia kien f'relazzjoni barra miz-zwieg, mal-attrici. M'huwiex kontestat li matul dik ir-relazzjoni ta rigali lill-attrici. Madankollu bejn il-kontendenti m'hemmx qbil dwar l-oggetti li nghataw lill-attrici u l-valur taghhom.

Jekk ghall-grazzja tal-argument wiehed kellu jaqbel mat-tezi tal-konvenuti li d-donazzjonijiet kellhom *causa illecita* minhabba li Dr Farrugia kien f'relazzjoni barra miz-zwieg, il-konvenuti xorta m'ghandhomx jedd li jitolbu lura r-rigal li Dr Farrugia ta lill-attrici. Fil-fatt l-Artikolu 991(1) jipprovdi:-

*"(2) Jekk il-kawza hija illecita ghaz-zewg partijiet,* ***ebda wahda minnhom, jekk ma tkunx minuri, ma tista' titlob lura dak li tkun tat lill-ohra****, bla hsara tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 1716."*

F'kull kaz, fis-sena 2006 l-attrici u Dr Farrugia zzewgu. Ghalhekk dak li qabel seta' kien illegali giet ratifikat biz-zwieg.

ii. Ghal dak li jirrigwarda t-tezi li d-donazzjonijiet ma sarux b'att pubbliku u ghaldaqstant huma nulli, l-Artikolu 1753 tal-Kodici Civili jipprovdi:

*"(1) Id-donazzjoni hija nulla jekk ma ssirx b'att pubbliku."*

Nullita' li hi tat-tip assolut.

Hu evidenti li r-rigali li Dr Farrugia ta lill-attrici kienu fuq tul ta' tnejn u ghoxrin (22) sena. Daqshekk l-attrici qalet li damet ir-relazzjoni (fol. 441). Kull donazzjoni hi separata u distinta mid-donazzjoni li tkun saret qabel jew wara. Il-qorti ma taqbilx li dak li Dr Farrugia ta lill-attrici matul hajtu, ghandu jitqies bhala donazzjoni wahda. Mill-provi hu evidenti wkoll li Dr Farrugia kien finanzjarjament b'sahhtu, u l-qorti tasal biex tikkonkludi li kull darba li ta rigal lill-attrici jista' jitqies ta' valur zghir meqjus il-qaghda finanzjarja tieghu u 'l fatt li kienu jghixu bhala mara u ragel (Artikolu 1753(2) tal-Kodici Civili).

iii. Mill-provi rrizulta li Dr Farrugia u Amy Rose Farrugia qatt ma sseparaw legalment. Ghalhekk il-komunjoni tal-akkwisti giet fit-tmiem taghha mal-mewt ta' Amy Rose Farrugia fis-sena 2000. Wara l-mewt ta' ommhom il-konvenuti qatt ma hadu passi kontra missierhom biex jiehdu sehemhom mill-wirt ta' ommhom. Ma jirrizultax li kien hemm xi dizgwid bejn Dr Farrugia u wliedu. Indikazzjoni li l-konvenuti ma riedux jipperikolaw ir-relazzjoni li kellhom ma' missierhom, li wara kollox mill-aspett materjali jidher li ma kienx ihallihom neqsin. Sahansitra rrizulta wkoll kif Dr Farrugia, fil-5 ta' Mejju 2006, ghamel *trust* (Farrugia Estate Trust) fejn il-beneficjarji huma wliedu. Fit-trust pogga depoziti bankarji u nvestimenti ohra li kellu.

Bir-rikovenzjoni il-konvenuti qeghdin jippretendu li l-attrici thallashom is-somma ta' €300,000 li jippretendu li hu s-sehem ta' ommhom mill-oggetti li jsostnu li missierhom ta lill-attrici. Il-konvenuti accettaw il-wirt ta' missierhom.

Il-qorti tosserva:-

i. Fir-rikonvenzjoni, il-konvenuti qeghdin jimpunjaw id-donazzjonijiet biss ghar-raguni li saru b'kawza illecita ghaliex maghmula f'perjodu meta Dr Farrugia kellu relazzjoni barra miz-zwieg mal-attrici u/jew ghaliex ma sarux b'att pubbliku. Ir-rikonvenzjoni m'hijiex bazata fuq il-kawzali li Dr Anthony Farrugia ta b'donazzjoni lill-attrici oggetti li kienu proprjeta tieghu u ta' Amy Rose Farrugia. Dan kien argument li l-konvenuti pproponew fin-nota ta' sottomissjonijiet, in kwantu argumentaw li Amy Rose Farrugia u huma bhala werrieta taghha ma setghux jigu ppregudikati b'dak li ghamel[1]. Il-qorti trid

[1] Il-konvenuti argumentaw: *"L-esponenti, fil-kwalita' taghhom ta' eredi ta' ommhom Amy Rose Farrugia, huma terzi estraneji ghall-eventwali ratifika konsegwenti ghaz-zwieg bejn missierhom u l-attrici u bhala tali huma ma jistghux jigu pregudikati, sa fejn jirrigwarda s-sehem ta' ommhom mill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejnha u missierhom. Il-komunjoni ntemmet biss fis-sena 2000, mal-mewt ta' Amy Rose Farrugia. L-azzjoni ghar-ripetizzjoni spettanti lil Amy Rose Farrugia intirtet mill-*

tiddeciedi dwar il-kawzali kif giet proposta fir-rikonvenzjoni u mhux fuq argument gdid li sar fit-trattazzjoni.

ii. F'kull kaz fil-fehma tal-qorti, bhala werrieta ta' missierhom ma jistghux igibu fix-xejn dak li ghamel missierhom volontarjament matul hajtu, billi fejn jaqblilhom jilbsu l-kappell ta' werrieta ta' missierhom u fejn jaqblilhom jilbsu l-kappell ta' werrieta ta' ommhom. Il-konvenuti huma l-istess persuni. Ladarba accettaw il-wirt ta' missierhom iridu joqghodu u jirrispettaw il-volonta' u l-agir ta' missierhom, u bhala werrieta li accettaw il-wirt ma jistghux jattakkaw jew jipprovaw igibu fix-xejn dak li ghamel matul hajtu.

6. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti hemm ukoll prospett dwar manteniment li l-konvenuti jsostnu li nghata lill-attrici fil-perjodu bejn is-sena 1989 sas-sena 2000, sena meta mietet ommhom. Il-konvenuti kkalkolaw cifra ta' €59,813.93 a bazi tal-paga minima nazzjonali. Cifra li flimkien mas-somma ta' €600,000 il-konvenuti jippretendu nofsha, bhala werrieta ta' ommhom. Materja li qatt ma ssemmiet waqt il-gbir tal-provi u ghalhekk m'ghandux ikun li l-attrici ssib ma' wiccha argument gdid fl-istadju wara li nghalqu l-provi.

**Ghal dawn il-motivi:-**

1. **Tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti.**
2. **Tilqa' t-talbiet kollha tal-attrici u ghalhekk tikkundanna lill-konvenuti sabiex jimmettu lill-attrici fil-pussess tal-legati kollha li thallew mill-avukat Dr Anthony Henry Farrugia bit-testment tat-3 ta' Ottubru 2005 (It-Tieni Artikolu), u dan salv kull provvediment iehor li ghad jista' jkun hemm htiega li jinghata ghal finijiet ta' ezekuzzjoni tas-sentenza.**
3. **Tinnomina lil Dr Maxilene Pace bhala kuratrici ghall-eventwali kontumaci.**
4. **Tordna li l-att relattiv jigi ppubblikat fit-8 ta' Lulju 2016 fid-9.00a.m. min-nutar Dr Mriam Spiteri Debono, fl-ufficcju taghha.**
5. **Salv ghal dak li jinghad hawn fuq, taghmilha cara li b'din is-sentenza l-qorti m'hiijex tiddikjara li l-attrici ghandha jedd li tbiegh oggetti li fuqhom ghandha uzufrutt, gialadarba l-kwistjoni kienet dwar l-immissjoni fil-pussess tal-legati. Ghal dak li jirrigwarda l-uzufrutt fuq il-mobbli, dan ghandu jitgawda bl-obbligi kollha kontemplati mil-ligi.**
6. **Fir-rigward tar-rikonvenzjoni:**
   i. **Tichad l-ewwel u tieni eccezzjoni tal-attrici, bl-ispejjez kontra taghha.**

---

*esponenti u tali azzjoni ma tistax tigi pregudikata retroattivament biz-zwieg bejn missierhom u l-attrici."*

ii. **Tichad it-talbiet tal-konvenuti.**

**Spejjez a karigu tal-konvenuti, u bl-imghax mid-data tan-notifika tar-rikors guramentat.**

Anthony Ellul.